# Duminku ta' S. Albert *(1596-1634)*

## *Il-Kontemplazzjoni bħala attenzjoni għal Alla*

minn P. Glen Attard, O.Carm.

Vincent Eschard twieled ġewwa r-raħal ċkejken ta' Fougères, fir-reġjun tal-Bretanja ġewwa Franza, nhar Ħadd il-Għid 14 t'April 1596, minn Guillame Eschard u Agathe Le Maignan. Vincent kellu ħamest aħwa, tlieta li mietu ta' età żgħira, oħtu li kienet marradija, filwaqt li oħtu l-oħra ddedikat ħajjitha għall-kura tal-fqar u l-moribondi. Trabba f'familja Nisranija devota. Il-ġenituri tiegħu rawmuh fid-devozzjoni tat-talb, fl-għoti tal-karità, fis-sawm, u fil-prattika tal-virtujiet. Il-bijografi jiddeskrivulna lil Vincent bħala tifel ferrieħi u kollu enerġija. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu ġewwa l-Kulleġġ ta' San Tumas f'Rennes li kien immexxi mill-Ġiżwiti. Vincent kien ta' spiss jiffrekwenta l-kunvent tal-Karmelitani ġewwa Rennes, speċjalment waqt it-talb u l-purċissjonijiet għall-kor, u fil-fatt minn età żgħira kien juri x-xewqa li jissieħeb mal-Karmelitani, iżda kellu jistenna diversi snin sakemm jagħlaq il-ħmistax-il sena biex dan iseħħ. Sadanittant, huwa kompla jieħu l-edukazzjoni tiegħu mal-Ġiżwiti.

Sewwasew fil-5 ta' Mejju 1613, Vincent, l-uniku tifel tal-familja u l-unika tama biex il-familja jkollha introjtu ieħor u allura futur aħjar, issieħeb mal-Karmelitani ġewwa Rennes. Huwa ġie milqugħ mill-Pirjol Philippe Thibault li fiċ-ċerimonja tal-bidu tah l-isem reliġjuż ta' Duminku ta' S. Albert. Minn dakinhar huwa beda n-novizzjat taħt it-tmexxija ta' Mathieu Pinault, li fil-bidu tas-seklu 17 kien fost il-pijunieri li taw bidu għar-riforma tal-Ordni Karmelitan ġewwa Franza. L-ispirtu tar-riforma kien wieħed strett u rigoruż, mill-banda l-waħda, iżda b'enfasi kbira fuq il-ħajja interjuri u l-imħabba ta' Alla, mill-banda l-oħra. Dan l-ispirtu doppju kien propju dak li indokra Pinault fin-novizz żagħżugħ, imħabba taħraq għall-ħajja interjuri li tissarraf f'aġir, anke jekk sever, favur din l-għażla fundamentali għal Alla. Fuq kollox, kien jispikka f'Duminku spirtu delikat u umli. Wara li għamel il-professjoni fl-14 ta' Mejju 1614, kien maħtur Viċi Surmast sabiex, flimkien ma' Pinault, irawmu lin-novizzi fit-tradizzjonijiet u l-ispirtu veru tal-Ordni.

Ir-riforma Karmelitana Franċiża kienet ukoll pedagoġika. Ir-reliġjużi l-kbar kienu konxji li n-novizzi kellhom bżonn metodi ċari u faċli sabiex jitrawmu fil-ħajja tat-talb, u Duminku ta' S. Albert kien wieħed minn diversi reliġjużi li ngħataw il-kariga li jiktbu manwali għal dan l-għan. F'dan il-manwal *(Eżerċizzi Spiritwali għan-Novizzi u għall-Professi Żgħar)*, jikteb hekk: "L-imħabba, jekk inhi vera mħabba, twassal mill-ħajja purgattiva għal dik unittiva; l-uniku mod li bih wieħed jista' jimxi 'l quddiem fl-imħabba huwa permezz tal-onestà u s-sempliċità tal-ispirtu li jiltaqgħu fl-imħabba vera." Il-mistiku Ġwanni ta' San Sansun innifsu stqarr kemm kienu jispikkaw f'Duminku l-umiltà u s-sempliċità. Minħabba dan, matul ħajtu Duminku kien afdat diversi uffiċċji importanti: Mastru tan-Novizzi ġewwa Angers, Lettur tat-Teoloġija, Vigarju Provinċjali, u Pirjol tal-kunvent ta' Nantes. Ġwanni u Duminku baqgħu dejjem f'kuntatt regolari u kienu jħeġġu lil xulxin fil-ħwejjeġ spiritwali, tant li Duminku kien sar dixxiplu predilett ta' Fra Ġwann. Iżda Duminku kien ukoll marradi u, minħabba f'hekk, miet fl-24 ta' Jannar 1634 fl-età żgħira ta' 38 sena b'fama ta' qdusija.

Id-duttrina ta' Duminku ta' S. Albert, speċjalment fit-*Teoloġija Mistika* u fit-*Trattat dwar it-Talb Mentali*, fil-kontenut tagħha hija sempliċement tkomplija tad-duttrina ta' Ġwanni ta' San Sansun, għalkemm fil-metodu tikkomplementaha billi tipprovdi bażi Teoloġika. Apparti dawn il-kitbiet li diġà semmejna, il-bijografi jsemmulna wkoll il-*Prattika Interjuri fuq*

*il-Passjoni ta' Sidna* li fih Duminku jsejjaħ mhux tant għall-meditazzjoni ta' spiss fuq il-passjoni, imma biex inġibu quddiem għajnejna t-tbatija ħarxa li bata għalina Sidna Ġesù għaliex hija din tal-aħħar, aktar milli l-meditazzjoni mentali, li tħeġġeġ lil qalbna bi mħabba taħraq għal Kristu u b'hekk tgħaqqadna aktar mas-Salib. Fil-fatt, fl-ittra tiegħu tas-6 ta' Frar 1630 lil Ġwanni ta' San Sansun, Duminku jikteb hekk: "Jien nixtieq biss li nkun naf inħobb sal-aħħar." Għal Duminku, il-ħajja spiritwali titkejjel essenzjalment mill-kwalità tal-imħabba li persuna turi lejn ta' madwarha. Hija biss il-kwalità tal-imħabba tagħna u l-kapaċità li nħallu l-ego tagħna fil-ġenb li turi kemm imxejna 'l quddiem jew le fil-ħajja spiritwali.



*Fougères, il-villaġġ fejn trabba Duminku ta' S. Albert.*

*It-Trattat dwar it-Talb Mentali* jiftaħ b'deskrizzjoni mill-isbaħ tat-talb. Duminku jispjegahulna bħala "tendenza ma taqta' xejn lejn Alla permezz tal-ħidma interjuri tal-għarfien u l-imħabba ... abitudni sopranaturali ta' fidi, tama, u mħabba ... attenzjoni partikulari għall-ispirtu divin ... djalogu interjuri," fuq kollox, "għaqda intima u ma taqtax fl-ispirtu divin" (k. 1). It-talb, jgħidilna Duminku ta' S. Albert, jagħmel li nkunu bħal "miġbudin f'Alla." Naslu fi stat li Alla jokkupa l-ħsieb u l-imħabba kontinwa tagħna. Hawn wieħed iħossu għalkollox imdawwal minn Alla daqslikieku diġà fl-eternità. Imma l-mistiku jaf ukoll li dan it-tidwil ma jiħux forma fis-sensi esterni tal-ġisem; wieħed ma jħossux neċessarjament ferħan, attiv, jew emozzjonalment qrib Alla meta jkun viċin tiegħu. Anzi, aktar ma s-sensi interni tagħna, jgħidilna Duminku, iċajprulna l-mixja 'l quddiem, idallmuha, jew tinħakem minn ħsibijiet ħżiena, aktar il-mistiku jħossu li hu tassew fqir, 'il bogħod minn Alla, u allura tikber fih urġenza kbira biex jafda u jittama iżjed fih, f'kelma oħra, li jħobbu dejjem iżjed. U l-imħabba, kif nafu, ma tintemm qatt; jiġifieri, dejjem hemm lok biex wieħed iħobb aktar u aktar. Alla tassew jaħdem aktar fir-ruħ li tiddisponi ruħha li tiddjaloga miegħu b'dan il-mod, milli f'dik li hija kuntenta tgawdi sensazzjonijiet esterni u tal-mument (ara k. 3).

Aktar 'il quddiem, fl-istess trattat, Duminku ta' S. Albert jitkellem ukoll dwar xi tfisser il-kontemplazzjoni. Fi ftit kliem, il-kontemplazzjoni mhija xejn ħlief l-imħabba ta' Alla. Ma jfissirx li kull min jgħid li jħobb lil Alla, li jgħid li jħossu qrib tiegħu, jew li jgħid li jgawdih mill-qrib, huwa kontemplattiv. Hija x-xewqa għal Alla – li ssir tant essenzjali daqs in-nifs li nieħdu mingħajr ma nintebħu, li tinżera' fil-memorja b'tali mod li tiftakar u tafda dejjem iżjed fih u b'hekk tissaffa mill-weġgħat tal-passat, f'kelma oħra, li tfittex li Alla jkun dejjem preżenti – li turi l-kontemplattiv min hu. Għal Duminku ta' S. Albert, l-imħabba ta' Alla titlob minna ħsieb profond u attent kif ukoll affett, it-tnejn jgħinu u jibnu lil xulxin. Il-ħsieb waħdu jirrendi lil Alla idea jew, agħar minn hekk, ideoloġija, filwaqt li l-affett waħdu jirrendi lil Alla gost, dispjaċir tal-mument, jew kull affett ieħor li tħoss il-qalb. Il-ħsieb u l-affett jibnu lil xulxin għall-fatt li jibnu lir-ruħ b'mod sħiħ, mill-qiegħ, mill-umanità tagħha, sal-atti l-aktar spiritwali u divini. Il-kontemplattiv, mela, huwa dak li jħalli lil Alla jaħdem fir-ruħ billi jiftaħha għal orizzonti għalkollox ġodda li għall-ewwel jafu jbeżżgħuha imma mbagħad jimlewha b'aktar imħabba realistika u divina. Ir-ruħ li hija totalment miftuħa għal Alla titgħallem li huwa speċjalment fil-mumenti diffiċli, li fihom tħossha bħal titkisser u tiżżarma u li fihom tħoss iħalluha kemm il-ħsieb kif ukoll l-affett, li t-trasformazzjoni vera f'Alla sseħħ. Għall-mistiku, il-fidi midruba, aktar milli xkiel, għandha l-potenzjal li tkabbar fina t-tama u l-imħabba. Meta l-ħajja spiritwali tagħna tinbidel minn "intenzjoni" għal "attenzjoni," il-vuċi ta' Alla timpressjona l-qalb u ċċaqlaqha biex tirreċiproka: "Ħobbuh, ħobbuh, lilu li jħobbkom minn dejjem u għal dejjem." (ara k. 5).